# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Talba nru. 252/2020**

**ALBERT PULLICINO *ET***

***VERSUS***

**CARMEL *SIVE* CHARLES PULLICINO**

**Illum, il-Hamis, 15 ta' Lulju, 2021**

It-Tribunal,

Ra r-rikors imressaq mill-atturi datat 29 ta' Jannar, 2021 (*viz*. talba sfilz tar-Risposta/eccezzjonijiet tal-konvenut - *a foll*. 39–40);

Ra d-digriet tat-8 ta' Frar, 2021 illi bih ordna n-notifika tar-rikors ta' l-atturi bi zmien ghat-twegiba da parti tal-konvenut (*a fol*. 41);

Ra illi l-avukat difensur tal-konvenut gie hekk notifikat fit-18 ta' Frar, 2021 (ara *a tergo* ta' *fol*. 43);

Ra r-risposta tal-konveut imressqa fid-19 ta' Frar, 2021 illi fiha rrezista ghat-talba misjuba fir-rikors tal-parti attrici;

It-Tribunal jikkunsidra;

L-atturi jridu illi r-Risposta (bl-eccezzjonijiet) tal-konvenut tigi sfilzata mill-atti processwali peress illi l-istess tressqet tardivament.

Jirrizulta illi l-atti processwali relattivi (Avviz tat-Talba u Avviz tas-Smigh) gew notifikati lill-konvenut fl-20 ta' Novembru, 2020 (*a tergo* ta' *fol*. 9) u, ghalhekk, l-istess kellu zmien ta' tmintax il-jum biex iressaq t-twegiba tieghu [*ex* Reg. 4(2) tal-L.S. 380.01].

Tali terminu kien jiskadi fid-9 ta' Dicembru, 2020 (peress li t-8 ta' Dicembru hija l-festa pubblika tal-Immakulata Kunċizzjoni u dan skond l-"*Att Dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubblici Ohra*" Kapitolu 252 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-konvenut ressaq ir-Risposta tieghu fis-17 ta' Dicembru, 2021, ossia tmien t'ijiem lil hinn mill-imsemmija skadenza.

L-ewwel dehera quddiem dan it-Tribunal kienet dik tat-28 ta' Jannar, 2021 (ara *a fol*. 7, *a fol*. 8 u *a fol*. 38) u fiha kien deher il-konvenut assistit mill-avukat difensur tieghu u kif ukoll l-atturi assistiti mill-avukat difensur taghhom. F'dik l-udjenza ma kien tqanqal l-ebda ilment da parti ta' l-atturi dwar it-tardività tar-Risposta u l-procediment gie mholli ghall-gbir tal-provi attrici.

Imbaghad l-ghada, fid-29 ta' Jannar, 2021, tnissel l-ilment ta' l-atturi permezz tar-rikors citat aktar kmieni fejn qed jigi kontiz illi t-termini statutorji legali ghandhom jigu rispettati u peress li l-konvenut intavola r-Risposta tieghu lil hinn miz-zmien lilu akkordat bil-Ligi, tali Risposta ghandha tigi sfilzata u, konsegwentement, il-konvenut ghandu jigi kkunsidrat f'qaghda kontumacjali.

Dan it-Tribunal, f'sentenza preliminari *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada**, moghtija fil-5 ta' Frar, 2019, kien fisser il-kwistjoni tal-kontumacja fi procedimenti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. Fiha inghad hekk: "*Ghalhekk, sa fejn jirrigwarda l-parti mharrka quddiem it-Tribunal, illum-il gurnata din tidher li ghandha certa obbligi procedurali x'issegwi. Wahda hi dik skond ir-Regola 4(2) tal-L.S. 380.01 li trid li, "Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għat-talba fi żmien tmintax-il jum mid-data meta jkun ġie notifikat bl-avviż tat-talba" u l-ohra hi dik skond l-Art. 13(b)* [tal-Kapitolu 380] *li trid li l-konvenut ghandu jidher fl-ewwel smigh tal-kawza. Fi kliem iehor, hemm obbligu kemm ritwali formali (ta' risposta fi zmien specifiku) u kif ukoll iehor ritwali ta' sustanza (ta' dehra quddiem it-Tribunal fl-ewwel udjenza)*."

Fil-kaz taghna, il-parti konvenuta ma rrispettatx l-aspett ritwali formali (ta' risposta fi zmien specifiku) izda rrispettat l-aspett l-iehor ritwali ta' sustanza (ta' dehra quddiem it-Tribunal fl-ewwel udjenza).

Fid-dawl ta' dak fuq espress u in vista tal-fatt illi l-procediment ghadu fil-fazi inizjali tieghu (fejn il-provi ghadhom ma bdewx jitressqu), it-Tribunal ma jemminx li l-konvenut ghandu jigi penalizzat hekk kif iridu l-atturi, ossia li r-Risposta tieghu tigi sfilzata mill-atti tal-kawza u li hu jigi dikjarat f'qaghda kontumacjali.

Huwa tassew minnu li r-Risposta, teknikament, kellha tidhol entro certu data (i.e., 9 ta' Dicembru, 2020), izda minflok giet imressqa f'data successiva (i.e., 17 ta' Dicembru, 2020), izda huwa huwa wkoll fatt illi l-konvenut rregistra dehera fl-ewwel udjenza quddiem dan it-Tribunal hekk kif rikjest mill-Ligi. Hawnhekk, allura, jonqos rekwizit importanti (dak ritwali ta' sustanza) sabiex l-parti mharrka tigi dikjarata bhala kontumaci.

Inoltre, ta' min jippuntwalizza – u dan anke bi twegiba ghal certa gurisprudenza citata mill-parti attrici fir-rikors taghha – illi l-procediment odjern jinsab f'fazi fejn il-parti attrici mhux ser tigi pregudikata minhabba il-fatt li l-konvenut ressaq Risposta bid-difiza tieghu fis-17 ta' Dicembru, 2020 minflok fid-9 ta' Dicembru, 2020. Id-diskrepanza ta' dawk it-tmien t'ijiem certament mhux ser tarreka ostakolu ghall-pretiza attrici u/jew ghall-produzzjoni ta' provi da parti ta' l-istess parti f'dan il-procediment. Tinhass il-htiega illi ssir referenza ghal dak asserit fil-kawza *in re* **Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nominee et** (Prim'Awla, 29 ta' Jannar 1970; mhux pubblikata) fejn inghad li, "*Il-ligi, konsistentement mal-gustizzja u mas-serjetá u dinjitá taghha, ghandha sservi ta' strument socjali kostruttiv, li biha n-nies ghandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u hajja mhux dewmien evitabbli u ariditá li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilitá u scetticismu fil-poplu kontra l-ligi.*"

Addizzjonalment, huwa minnu li l-ligi procedurali hija ta' ordni pubbliku u li l-istess ghandha tigi rispettata. Madanakollu, it-Tribunal ikollu jirrimarka illi l-ispirtu li janima lill-istess Tribunal u l-kawzi ta' quddiemu – hekk kif jitnissel mid-disposizzjonijiet tal-Ligi specjali li gabitu *in essere* u li tirregolah – hi dozata, sa certu punt, b'certu latitudini diskrezzjonali ta' kif il-procediment jigi amministrat u stradat. Di fatti, l-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 9(1) tal-Kapitolu 380 jghid illi "*ġudikatur jirregola l-proċedimenti quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali*", filwaqt li t-tielet sub-inciz tieghu jsostni illi, "*Ebda proċediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minħabba fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità sakemm wieħed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew mar-regoli magħmula taħtu*." Tali disposizzjonijiet jakkordaw certu grad ta' informalità fit-tmexxija tal-procediment, basta, izda, illi s-serjetà ta' l-istess procediment ma tigix menomata u illi ma jigux kalpestati l-principji ta' gustizzja naturali.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak hawn fuq espress, it-Tribunal jichad it-talba ta' l-atturi kif kontenuta fir-rikors taghhom tad-29 ta' Jannar, 2021.

Kwalsiasi spejjez marbuta ma' dan l-episodju, huma rizervati ghall-gudizzju finali.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*